## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 503/02 AJD**

**Business Marketing Services Limited**

**vs**

**Galea Insurance Brokers Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u disghin lira Maltin (Llm92.00) rapprezentanti l-prezz ghal servizz ta' disinn ta' 'A4 folded into three gate brochure' liema servizz gie moghti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.
Bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva, u cioe' mill-31 ta' Lulju 2001, sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-5 ta' Dicembru 2001.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati kemm fl-fatt kif ukoll fid-dritt peress li s-socjeta’ attrici tat biss ‘quotation’ lis-socjeta’ konvenuta minghajr l-ebda obbligu tal-hlas da parti tal-istess socjeta’ konvenuta.
2. Illi inoltre sal-llum is-socjeta’ konvenuta ghadha ma inghatat l-ebda ‘design’ jew ‘artwork/separations’ mis-socjeta’ attrici u ghaldaqstant ma huwa dovut l-ebda hlas.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici huwa esagerat.

Sema’ x-xhieda ta’ Lorenzo Mule’ Stagno, Joseph Mercieca, u ta’ Rosanne Galea. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi f’Awissu tas-sena 2000 is-socjeta’ konvenuta nfurmat lis-socjeta’ attrici li hija xtaqet li jsir id-disinn u stampar ta’ hamest elef ‘brochure’ u talbitha taghmlilha stima f’dan ir-rigward ( ara dokument a fol. 16). Dn l-istima giet preparata u mibghuta lis-socjeta’ konvenuta (dokument a fol. 20) fl-1 ta’ Settembru 2000. Lorenzo Mule’ Stagno ghas-socjeta’ attrici xehed li xi ftit taz-zmien wara li ntbaghtet din l-istima Rosanne Galea ghas-socjeta’ konvenuta kienet ikkonfermat li kienet qed taccetta wahda mill-opzjonijiet nkluzi fl-istima msemmija u f’Ottubru 2000 is-socjeta’ attrici baghtet ‘sample’ tal-‘’brochure’ in kwistjoni ( a fol. 21) liema ‘brochure’ intbghat lura b’xi korrezzjonijiet. Inoltre s-socjeta’ konvenuta, tramite Rosanne Galea, baghtet notament Galea li jghid hekk “At long last things are ready. Please amend and phone me up. We are interested in paying you for the artwork but will print ourselves as we have client with printing presses”. Il-fuljett eemendat gie mibghut lis-socjeta’ konvenuta permezz tal-fax.

Illi s-socjeta' konvenuta qed tikkontendi li hija kienet talbet biss stima minghand is-socjeta' attrici u ma kienetx ikkumissjonata taghmel ix-xoghol tad-disinjar u konsegwentement m'hijiex obbligata thallas ghal tali xoghol. Mill-fatti hawn fuq esposti izda jirrizulta li wara li saret l-istima mitluba, is-socjeta' konvenuta kienet ghazlet wahda mill-opzjonijiet hemm kontenuti u kienet saret korrispondenza permezz tal-e-mail u diskors permezz tat-telefon fejn is-socjeta' konvenuta kienet effettivament ikkumssjonat lis-socjeta' attrici tippprepara d-disinn u l-'layout' tal-'brochure' in kwistjoni u fil-fatt il-'brochure' bl-emendi fi maghmula minn Rosanne Galea ntbaghat liura lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta. Jidher li f'xi l-istadju s-socjeta' konvenuta ddecidiet li taghmel l-istampar band'ohra u kkomunikat din l-intenzjoni lis-socjeta' attrici. It-Tribunal huwa tal-fehma li n-notament hawn fuq citat jindika bic-car li s-socjeta' konvenuta kienet qed tikumissjona lis-socjeta' attrici tipprepara d-disinnn u l-'layout' tal-'brochure'.

Illi s-socjeta' konvenuta ma regghetx ikkomunikat mas-socjeta' attrici wara li rceviet il-fax bl-emendi finali u , wara diversi tentattivi sabiex jikkomunikaw ma' Rosanne Galea, ntbaghat il-kont tax-xoghol li kien lahaq sar. Is-socjeta' konvenuta f'dan ir-rigward qed tghid li hija m'ghogobhiex il-'brochure' u ghalhekk ma saret ebda komunikazzjoni ohra mas-socjeta' attrici. Rosanne Galea, fix-xhieda taghha tal-1 ta' Lulju 2002 tammetti li hija ma nfurmatx lis-sojeta' attrici li l-'brochure' ma kienx joghgobha u li ma xtaqithiex tkompli bix-xoghol.

Illi jidher ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tterminat l-appalt in kwistjoni, anki jekk ma nfurmatx lis-socjeta' attrici b'din id-decizjoni, u ghalkemm hija kienet intitolata li taghmel hekk, hija wkoll obbligata li thallas lis-socjeta' attrici tax-xoghol li din-tal-ahhar lahqet ghamlet. Fit-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta tikkontendi li l-ammont mitlub huwa esagerat izda tranne l-fatt li hija qalet li qatt ma rceviet is-'separations' rigwardanti l-'artwork', hija ma resqitx provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni. Fi kwalunkwe kaz is-socjeta' attrici spjegat li l-ammont mitlub ma jinkludiex il-prezz tas-'separations'. Fil-fehma tat-Tribunal l-ammont mitlub

huwa gustifikat u jirrifletti x-xoghol li s-socjeta' attrici kienet lahqet ghamlet rigwardanti l-'brochure' in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u disghin lira Maltin (Lm92.00) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**